MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2004

Numru 753/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Tonna)**

**Vs**

Marco Zammit

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi riportati kontra l-imputat Marco Zammit b'karta numru ta' identita' 181563(M) akkuzat:

B'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zimijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi maghmulin b'risoluzzjoni wahda;

Talli matul dawn l-ahhar gimghat f'divesi okkazjonijiet differenti u hinijiet differenti gewwa San Giljan, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu

car, ikkaguna feriti ta' natura gravi, u feriti hfief fuq il-persuna ta' martu Gloria Zammit minn San Giljan skond kif iccertifikaw Dr Tania Mizzi tac-Centru tas-Sahha tal-Gzira, Dr Alexia Abela MD tal-Isptar San Luqa u Dr Chris Mercieca tac-centru tas-Sahha tal-Gzira. Dan ai terminu tal-artikoli 214, 216 (1)(a)(b), 218 u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess dati, lok, hinijiet u cirkostanzi, hebb ghal Gloria Zammit sabiex jingurjaha, iddejjaqa jew jaghmlilha hsara u dan bi ksur tal-artikolu 339(d) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi gewwa San Giljan volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b'ghajjat u glied u dan bi ksur tal-artikolu 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament mhux opposta.

Semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni fl-liema ammissjoni ppersista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidraha.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-akkuzi kontra dawk ta' feriti kemm gravi u hfief li allegatament l-imputat ikkaguna fuq il-persuna ta' martu. Apparti dan l-imputat hu wkoll akkuzat bil-kontravenzjonijiet ta' ksur tal-bon ordni u ingurji u theddid.

Illi kif jinsab verbalizzat fl-udjenza tal-lum martu, il-kwerelanta, iddikjarat li kienet qeghdha tirrinunzja ghal kull azzjoni kontra zewgha li hi rinuzjabbli. Iz-zewg partijiet ivverbalizzaw ukoll li kienu qeghdin jahfru lill-xulxin.

Stante l-ammissjoni l-Qorti filwaqt li qeghdha ghaldaqstant issib l-imputat hati tal-ewwel akkuza, sakemm tirreferi ghal feriti gravi, kif ukoll l-akkuza kontravenzjonali, ossija t-

tielet akkuza, ghal finijiet tal-piena qeghdha wkoll tikkunsidra li l-imputat gia ghamel perjodu qasir arrestat. Ikkonstatat ukoll 'de visu' li l-feriti, jew allegat tali, ma hallew ebda konsegwenzi. Rat ghalhekk l-artikolu 216 u 338(dd), ukoll l-artikolu 17, tal-Kap 9 u fic-cirkostanzi jidrilha li ghandha tapplika biss kontra l-imputat l-Artikolu 383 tal-Kap 9 billi tqeghdu taht garanzija li ma jergax taht penali ta' Lm100 ghal sena mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------